# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 363/2021

**Il-Pulizja**

**Spettur Audrey Micallef**

**Vs**

**Mario Zammit**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 309586(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-4 t' April 2021 u fil-granet, gimghat u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa Haz-Zabbar u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkaguna lil ommu cioe' Theresa Zammit li ghandha l-eta' ta' 65 sena, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-

axxendenti jew dixxendenti taghha, liema reat twettaq ripetutament;

2. Ikkaguna lil ommu u cioe' Theresa Zammit li ghandha l-eta' ta' 65 sena, fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;

3. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil ommu u cioe Theresa Zammit li ghandha l-eta ta' 65 sena, kontra l-volonta taghha;

4. Insulenta hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Theresa Zammit;

5. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien iprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Akkuzat ukoll talli nhar l-4 t'April 2021 bejn 19:30hrs u 19:45hrs gewwa Zabbar;

6. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe PS2352 Valerie Rotin u PS131 Nathan Bugeja jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqgha taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra tal-ligi.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mario Zammit a beneficcju ta' ommu Theresa Zammit u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni ta' Theresa Zammit u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mario Zammit b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq, kif ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi Mario Zammit sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li biha, wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, stante li l-parti offiza hafret lill-imputat pendenti l-proceduri, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' tletin xahar, li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawk il-proceduri.

1. Inoltre ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Theresa Zammit, rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elf euro (€1000) ghall-perjodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri minn dak inhar li huwa jiskonta l-piena karcerjarja imposta fuqu u jkun rilaxxat b'mod definittiv mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti ordnat komunika tas-sentenza taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex tattiralu l-attenzjoni ghal

problema akuta ta' tossikodipendenza tal-hati u l-bzonn li jinghata t-trattament mehtieg sabiex jindirizza din il-problema u problemi ohra ta' natura psikologika li ghandu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Zammit pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 t'Ottubru 2021 li bih talab lil din il-Qorti , **tirriforma** s-sentenza appellata, billi **tikkonfermaha** fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet u fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u **tvarja** l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti u rat il-pre-sentencing report imhejji minnu;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

1. Illi dan l-appell huwa wiehed limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti u dwarha jressaq zewg gravami ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Fl-ewwel aggravju l-imputat appellant jargumenta illi minkejja li l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti ma kienitx wahda bikrija xorta wahda ma heliex hin taghha. Inoltre, sia l-prosekuzzjoni kif ukoll d-difiza kienu qablu mar-rakkomandazzjoni tal-ufficjal tal-probation li jinghata sentenza

karcerarja sospiza fil-massimu taghha liema sentenza ghandha tinkorpora element ta' supervizjoni;

2. Illi jibda biex jinghad illi kif kostantement deciz minn din il-Qorti, l-ammissjoni ma ggibx maghha xi dritt awtomatiku ghal-piena ridotta. Huwa minnu illi bl-ammissjoni jkunu frankati hafna hin u rizorsi izda kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu u ghandu jkun deciz fuq dak il-mertu. Fil-kaz odjern, lanqas ma jista' jinghad li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u dan qed jinghad ghaliex il-Qrati taghna invarjabilment jiehdu kont tal-istadju li fih issir ammissjoni anke jekk, kif gia osservat, dan ma jgib mieghu l-ebda dritt ta' riduzzjoni fil-piena. Issa, l-ewwel Qorti wissiet lill-imputat qabel ma kkonferma l-ammissjoni tieghu quddiemha, illi kien soggett ghall-piena ta' prigunerija ta' sitt snin u minkejja dan xorta wahda zamm ferm fuq dik l-ammissjoni u b'hekk kien soggett ghal dik il-piena erogabbli skond il-ligi;

3. Illi kwantu t-tieni argument f'dan l-aggravju, l-appellant donnu jallega illi ghaliex kien hemm qbil mal-prosekuzzjoni li jkun implimentat dak suggerit mill-ufficcjal tal-probation allura l-ewwel Qorti kellha timxi fuq dik ir-rakkomandazzjoni. Irid, qabel xejn, jinghad bla tlaqlieq, illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti erogat il-piena llum appellata wara konsiderazzjonijiet akkurati u dettaljati. Wara l-ammissjoni tieghu, u fuq talba tal-imputat, l-ewwel Qorti ordnat li jkun imhejji *pre sentencing report* minn ufficcjal tal-probation. Fid-deposizzjoni dwar ir-rapport tieghu, l-ufficcjal rrakomanda li tinghata "*sentenza sospiza bis-supervizjoni fil-massimu taghha, fejn matul din is-sentenza ghandu jibda u jikkompleta b'success programm residenzjali*

*kontra l-vizzju, u jinghata ukoll ghajnuna psikologika minn xi psychologist biex jigu indirizzati certu issues li hemm.*"

4. Illi r-rapport tal-ufficcjal tal-probation huwa wiehed dettaljat u jidhol fil-fond fil-hajja tal-imputat bil-ghan li jkunu identifikati l-problemi li qed iwassluh fic-cirkostanzi li jinsab fihom llum u jkun ukoll identifikat pjan ta' kura ghalih. L-ewwel Qorti, izda, ma qablitx mal-istess ufficcjal u dwar dan tat ir-ragunijiet konsiderati taghha. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata minn dik tal-ewwel grad wara li kkonsidrat illi dik id-decizjoni li ma tilqax is-suggeriment tal-ufficcjal tal-probation kienet wahda ghaqlija tenut kont il-passat tal-imputat, in-natura tar-reati u l-fatt illi l-istess ufficcjal rregistra dikjarazzjoni tal-imputat a fol 4 tar-rapport meta qal li mhux interessat f'dan is-servizz u dan minhabba li r-relazzjoni ta' bejniethom (tieghu u ta' ommu) qalbet ghall-ahjar wara dan il-kaz;

5. Ezaminati l-provi u kif tajjeb mghoddija in rassenja mill-ewwel Qorti, huwa evidenti illi omm l-imputat iddecidiet li tirrapurtah lill-Pulizija meta kienet waslet proprju fl-ahhar wara zmien twil ta' abbuz. Filwaqt illi l-kwerelanta hafret lill-binha, l-Qorti tirrikonoxxi illi l-pass li hadet omm l-imputat biex waslet biex tirrapurtah kien wiehed ferm difficli u fl-istess waqt kienet decizzjoni iebsa mehudha fil-konfront tal-wild taghha. Dan ma jistghax jghaddi inosservat u din il-Qorti, bhall-ewwel wahda qabilha ma tistax tqis lill-imputat bhala wiehed riformat f'affari ta' xaharejn. Ir-riskju ta' ripetizzjoni kontra persuna anzjana huwa wiehed kbir wisq f'dan il-kaz u din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi kundizzjoni li l-imputat jkun ordnat isegwi programm ghaliex apparti li din ghandha tkun triq li jghazel hu

b'mod volontarju u determinat gia ddikjara li ma ghandux bzonn ta' tali ghajnuna. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

6. Fit-tieni aggravju, l-appellant jallega illi l-piena kominata hija wahda eccessiva u dwar dan ccita sentenzi ta' din il-Qorti fejn il-piena kienet varjata ghal wahda aktar miti. Il-Qorti, izda ghandha quddiemha dan il-kaz u l-uniku haga komuni li ghandu ma' kawzi ohra hu li bhala principju, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jirrizultax li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata skond il-kaz. L-imputat ma jallega ebda piena oltre dik prevvista mil-ligi liema piena tista' tiqies bhala wahda miti tenut kont tal-piena erogabbli fil-massimu taghha;

7. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud u l-Qorti tabbraccja l-istess ordnijiet u direttivi ordnati mill-ewwel Qorti.